# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2002.**

**Numru 4**

**Avviz numru 1508/00mm**

**1. Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti *ex lege* u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi huma identifikati fil-lista prezentata fin-nota prezentata kontestwalment illi flimkien jifformaw id-ditti assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds, liema sindikati qeghdin jagixxu kif jinsabu issurrogati fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Dottor John Thake u 2) l-istess Dottor John Thake**

**vs**

**Joseph Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fis-27 ta' Ottubru, 2000, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut illi:

1. Jkun dikjarat unikament responsabbli ghall-incidnet awtomobilistiku illi sehh fl-10 ta' Marzu, 2000, gewwa tal-Ballal Cross Roads, bejn il-vettura tal-marka Citroen BX, bin-numru ta'-registrazzjoni JAJ 174, koperta mill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 060264-31/10 mahruga fl-1 ta' Novembru, 1999, misjuqa mill-attur Dottor John Thake, u il-vettura tad-ditta Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni GMY 019 proprjeta' ta' Joseph Calleja u misjuqa minnu stess u ghad-danni kosegwenzjali sofferti mill-attur.
2. Jillikwida dawn id-danni konsegwenzjali fis-somma globali ta' tliet mija u erbgha u sebghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm374.61) kid jidher f'Dok A, jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi.
3. Jkun ikkundannat ihallas lill-atturi Lloyds (Malta) Limited u Dottor John Thake is-somma ta' tliet mija disgha u erbghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm349.61) u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rispettivament jew sommom verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u tal-ittra bonarja tal-10 ta' Mejju, 2000, u tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju, 2000, flimkien man-nota tal-ismijiet tal-istess data u tan-nota tal-ismijiet ipprezentata

kontestwalment ma’ l-avviz u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment a tenur tal-Kapitolu 104, flimkien man-nota fl-ismijiet tas-sindikati pprezentata ma’ dik l-ittra, u bl-imghax legali mill-10 ta’ Mejju, 2000, jew data ohra stabbilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident ma garax tort tal-intimat;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub bl-avviz huma ghal-kollox eccessiv u ezagerat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat fl-inkrocju tat-triq Tal-Balal fejn fuq naha wahda hemm il-Mekek Bar u in-naha l-ohra hemm il-Liquid Club.  L-assikurat ta’ l-attur it-tabib Dr John Thake kien qieghed isuq il-karrozza Citroen BX bin-numru tar-registrazzjoni JAJ 174.  Din il-vettura kienet wieqfa wara l-i*stop sign* u warajha kien hemm il-Ford Transit misjuq mill-konvenut.

Dr Thake esplora t-triq u beda hiereg bilmod, izda f’daqqa wahda nduna illi fuq ix-xellug tieghu kienet tiela karrozza b’certa velocita’ u

ghalhekk irrallenta l-karrozza tieghu biex din ta' l-ewwel tilhaq tghaddi.

Kien proprju f'dak il-mument illi lahaq il-konvenut bit-Transit tieghu min-naha ta' wara u baqa' diehel fuq il-karrozza ta' Dr Thake.  Dak il-hin dehru biss hsarat fuq il-fanal ta' wara u il-*bumper*.  Izda wara ezami aktar profond irrizulta hsarat fil-*floor board* u il-bieba ta' wara.

Ghalhekk is-sojceta' attrici wara illi ghamlet *survey*, awtorizzat it-tiswijiet illi gew kollha kompluti ghall-prezz kif indikat fl-Avviz u cioe' tliet mija u erbgha u sebghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm374.61).

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi huwa minnu illi kien wieqaf wara l-karrozza ta' Dr Thake u ra din il-karrozza tibda miexja 'l quddiem u ghalhekk beda jsegwi warajha.  Waqt illi kien qed jaghmel hekk, dawwar wiccu biex ihares ghall-vetturi gejjin mill-genb u ma ndunax illi l-karrozza ta' Dr Thake kienet wieqfa quddiemu.  Hekk kif dawwar wiccu ghafas il-*break* imma kien tard wisq u baqa' diehel fuq in-naha ta' wara tal-karrozza misjuqa minn Dr Thake.

Kif gia inghad, dak il-hin dehru biss hsarat fil-fanal u l-*bumper* u il-konvenut offra illi jsewwi l-karrozza ta' Dr Thake fil-garaxxijiet taghhom peress illi l-Ford Transit kien proprjeta' ta' garaxx illi ghandha facilita' ta' tiswija ta' karrozzi.

Filwaqt illi huwa minnu illi d-danneggjat ghandu d-dover illi jimminimizza d-danni, b'daqshekk ma jfissirx illi ghandu jsewwi f'post u hin indikat minn min ikun ikkagunalu dawn id-danni.  Id-danneggjat

ghandu dritt illi jsewwi fejn irid, basta jsewwi biss dawk il-hsarat illi jkunu kkagunati mid-danneggjat u mhux minn xi hag'ohra.  Zgur illi d-danneggjat m'ghandux japprofitta ruhu jew inkella li jitlob riparazzjoni ta' ammonti illi ferm akbar mid-danni subiti.  Min-naha l-ohra min ikun ikkawza d-danni nvolontarji, ghandu d-dritt illi jissorvelja l-hsarat u jara illi l-ispiza ghat-tiswija tkun wahda ragonevoli.

Dana huwa proprju illi gara f'dan il-kaz.  Id-danneggjat, Dr Thake ha l-karrozza tieghu ghand il-kumpanija assikuratrici li hadet hsieb it-tiswija tal-karrozza tieghu.  Din it-tiswija saret wara *survey* appozita, u it-tiswijiet saru bi ftehim mas-*surveyor*, illi qieghed hemmhekk biex jiehu hsieb l-interessi ta' l-assikurazzjoni u jara illi dina ma tkunx imgieghla thallas aktar milli suppost ghat-tiswija in kwestjoni.

Il-Qorti tara illi l-ammont mitlub f'dan il-kaz mhuwiex xi wiehed esagerat.  Veru illi tliet mija u sebghin lira Maltin (Lm370.00) mhijiex xi cifra zghira, pero' meta tqis ix-xoghol illi jrid isir fil-*panel beating*, *repairs*, *spray* u dbil ta' *parts*, allura dina tkun aktar in perspettiva tal-hsarat subiti.  Veru illi d-daqqa kienet ukoll wahda zghira, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi ma jkunx hemm hsarat li ma jkunux daqshekk apparenti dak il-hin ta' l-incident.  Meta mbaghad jibdew jinqalghu l-*parts*, ikun hemm hsarat illi ma jkunux dehru qabel.  Mhuwiex vero simili illi meta karrozza taqla' daqqa minn wara jigi affettwat il-*floor board*, biex b'hekk ikun hemm aktar spejjez biex tigi msewwija din il-hsara illi ma kinitx apparenti mill-bidu nett.  Pero' b'daqshekk ma jfissirx illi d-danneggjat ma ghandux dritt illi jigi kkompensat ta' din il-hsara.  Is-*survey* sar, l-interessi ta' min ikkawza d-danni gew assikurati b'dan is-*survey* u allura l-Qorti ma tarax kif il-

konvenut jista' jopponi l-hlas tat-talba ta' l-atturi meta dawn l-assikurazzjonijiet kollha ttiehdu u l-assikurazzjoni mxiet bil-procedura korretta fil-qadi tad-dmirijiet taghha.

Ghal dak illi jirrigwarda r-responsabbilita' ta' dan l-incident, ma hemmx dubbju illi Joseph Calleja ghandu jinstab responsabbli.  Kien mument ta' aljenazzjoni illi huwa ma ndunax bil-karrozza ta' Dr Thake wieqfa quddiemu.  Dan it-tip ta' ncident huwa komuni hafna, il-karrozza ta' quddiem tibda miexja, il-karrozza ta' wara ssegwiha, is-sewwieq ihares lejn direzzjoni ohra waqt li l-karrozza qeda *in motion*, dik ta' quddiem tieqaf u b'hekk dik ta' wara tibqa diehla fuq il-karrozza ta' quddiemha.  Kien dan il-mument ta' aljenazzjoni meta l-konvenut dawwar rasu biex jesplora l-gnub tal-vettura tieghu meta sar l-incident.

Fit-toroq affollati ta' pajjizna sewwieq ghandu jzomm ghajnejh fuq it-triq il-hin kollu u m'ghandu qatt ihalli l-karrozza miexja f'direzzjoni waqt illi huwa qieghed ihares f'direzzjoni ohra.

It-tabib Dr Thake kien iggustifikat illi jwaqqaf il-karrozza meta ra karrozza ohra taqsam minn quddiemu.  Mentri l-konvenut messu zamm ghajnejh fuq il-karrozza ta' Dr Thake il-hin kollu u mhux ihares fil-gnub waqt illi l-karrozza tieghu ghadha *in motion* u b'hekk ma ndunax illi l-karrozza l-ohra waqfet.

Mill-bqija l-Qorti m'ghandhiex aktar x'tikkumenta dwar dan il-kaz, hlief li dana l-incident gara minhabba nuqqas ta' *proper look out* da parti tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-10 ta’ Marzu, 2000, gewwa tal-Balal Cross Road, bejn il-vettura tal-marka Citroen BX, bin-numru ta’ registrazzjoni JAJ 174, misjuqa mill-attur Dottor John Thake, u il-vettura tad-ditta Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni GMY 019 proprejta’ ta’ Joseph Calleja u misjuqa minnu. U dana minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Joseph Calleja. Tillikwida d-danni subiti mill-atturi fl-ammont ta’ ta’ tliet mija u erbgha u sebghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm374.61) u kosegwement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenut.

**Anthony Zammit**

**Deputat Registratur**